MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Numru. 406/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**vs**

**Christopher Micallef**

Kumpilazzjoni Nru: 406/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Christopher Micallef, ta' 43 sena, bin Paul u Mary nee' Micallef, imwieled Pieta fis-7 ta' Jannar, 1967 residenti fil-fond nru 10 Santa Marija, Triq il-Manikata, Manikata u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 35767(M).

Fil-Manikata limiti tal-Mellieha nhar it-23 ta' April 2010 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija, ikkommetta serq ta' 'cables' tal-elettriku mill-fond 'Sewage Pumping

Station' sitwat fl-inhawi ta' Mizieb ir-Rieh, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u l-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri s-somma ta elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) u cioe' hsara ta' madwar €30,000 fuq propjeta' pubblika li saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni jew entitajiet ohra;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara fil-katusi jew f' xi parti tad-drenagg pubbliku ai termini tal-artikolu 326(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi hawn fuq imsemmija f' Malta, naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr J Padovani Grima LL.D, b' digriet ta' dik l-istess Qorti moghti nhar l-24 ta' Lulju 2009, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet fosthom li ma jikkomettiex delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest u li jirrinkaza ruhu bejn id-disgha u nofs ta' filghaxija u s-sitta ta' filghodu;

Finalment qieghed jigi akkuzat ukoll talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:-
a) 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 265, 267, 269(c), 270, 278, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 325(1)(a) u 326(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma f’l-1 ta’ Novembru 2010 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u waqt l-udjenza mizmuma llum id-9 ta’ Dicembru 2010 l-imputat kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-ammissjoni tieghu ghalkemm f’dan l-istadju tal-proceduri, u l-fedina penali li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi daqshekk allarmanti. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat qed juri x-xewqa li jibda jindirizza l-problema li ghandu b’l-abbuz ta’ l-alkol.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263(a), 264, 265, 267, 269(c), 270, 278, 279(b), 280(1), 325(1)(a), 326(1)(b) u 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah tletin (30) xahar prigunerija. In oltre qed tikkundanna lill-imputat biex fi zmien tlett snin ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti is-somma ta’ €893.49 rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta’ esperti.
In konkluzzjoni l-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin biex l-imputat jinghata l-

ghajnuna kollha necessarja biex jaghmel il-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju ta' l-alkol.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------